# Il-Kappella ta' Santa Marija Madalena



Chev Mario Coleiro OSJ

F'pajjiżna nsibu bosta kappelli fil-kampanja li kollha għandhom storja warajhom. Dawn ħafna minnhom ikunu nbnew minn xi benefattur jew xi familja sinjura. Oħrajn ikunu nbnew minħabba xi devozzjoni partikolari li setgħet kienet preżenti mill-qedem fl-istess lok. Id-dedikazzjoni ta' dawn il-kappelli dvarja mill-post fejn ikunu nbnew; eżempju dawk iddedikati lil San Pawl kollha għandhom rabta mal-miġja ta' dan il-qaddis. Oħrajn marbutin mal-Madonna jew qaddisin jista' jkollhom xi storja ta' xi dehra jew devozzjoni marbuta magħhom.

Fost il-qaddisin li nsibu xi kappelli ddedikati lilhom f'Malta, għandna ta' Santa Marija Madalena li għandha kappella ddedikata fil-Madliena, limiti tal-Għargħur. Din il-kappella tat l-isem lil dawn l-inħawi li jissejħu Madliena. Insibu kripta fir-Rabat ta' Malta li tinsab propju fuq katakombi ddedikati lil Madalena li jinsab biswit il-knisja kolleġjata ta' San Pawl. Kappella oħra ddedikata lil Madalena hi dik li nsibu fuq l-irdumijiet ta' ħad-Dingli. F'dan l-artiklu ser nitkellem ftit fuq din il-kappella u l-istorja tagħha.

Jidher li l-oriġini ta' din il-knisja tmur lura ħafna. Mhix magħrufa d-data eżatta ta' meta nbniet l-ewwel darba, imma jidher fiċ-ċert li din inbniet qabel ma ġew il-kavallieri ta' San Ġwann f'Malta; iġifieri qabel l-1530. L-iktar data antika li fiha tissemma din il-kappella hi fis-sena 1446, għalhekk dan juri li din diġa kienet nbniet dak iż-żmien. Din id-data tidħol fil-perjodu magħruf tal-Medju evu meta l-bini ta' din il-knisja seħħ meta Malta kienet maqsuma fi tnax-il parroċċa. Mill-vista pastorali tal-Isqof Senatore de Mello li saret fis-sena 1436 nafu li barra l-Imdina u l-Birgu kienu diġa stabbiliti għaxar parroċċi. Waħda minn dawn il-parroċċi kienet dik ta' Ħal Tartarni li llum nafuh bħala ħad-Dingli. Nistgħu nieħduha b'fatt li din il-knisja tal-Madalena kienet tifforma parti minn din il-parroċċa antika. Għal xi żmien din il-parroċċa kienet sofriet ħafna min-nuqqas ta' abitanti, u għalhekk tneħħiet minn parroċċa. Iżda ma damitx ma kienet popolata mill-ġdid, u għalhekk il-parroċċa reġgħet kienet stabbilita. Dan il-fatt jista' jagħtina dawl li l-kappella tal-Madalena għal xi żmien kienet mitluqa u għalhekk ġarrbet ħsarat strutturali. Dan wassal biex kellha terġa tinbena mill-ġdid. Fis-sena 1646 kienet lesta mill-bini u nhar il-15 ta' April l-Isqof Michaelangelo Balaguer berikha u fetaħha għall-pubbliku. Dan kollu huwa kkonfermat minn skrizzjoni bil-Latin li nsibu fuq il-bieb ta' barra.



Mall-mgħoddija taż-żmien din il-knisja dejjem baqgħet ikkurata u l-bdiewa tal-inħawi kienu iżommuha tajjeb. Fiha kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' Santa Marija Madalena. Barra minn hekk kienet teżisti tradizzjoni fejn ħadd qabel ħadd il-Palm, magħruf bħala ħadd Lazru, kienu jiġu bosta nies iżuru l-kappella. Matul iż-żmien il-knisja tilfet mill-popolarita' tagħha u għalhekk kien wasal il-mument li tiġi restawrata mill-ġdid. Filfatt dan kollu sar riċentament, u għalhekk illum din il-knisja li tinsab f'wieħed mill-aktar postijiet pittoreski ta' pajjiżna reġgħet ingħatat id-dinjità li kellha fil-passat.

Nixtieq nikkonkludi billi nikkundanna wkoll l-att vandalu li sar riċentament fuq din il-kappella u nispera wkoll li dawk ħatja jinqabdu u jiġu kkastigati. Inħeġġeġ lill-Maltin li għandhom għal qalbhom il-patrimonju ta' pajjiżna biex jieħdu ħsieb dak kollu li hu Malti u ma jiddejqux jikkundannaw pubblikament dawn l-atti vandali. Nispera li dawn in-nies jitgħallmu darba għal dejjem li billi jagħmlu hekk ma jkunux qegħdin jieħdu xejn ħlief li jċaħħdu lill-ġenerazzjonijiet futuri mill-wirt storiku ta' pajjiżna.

